# IS-SENA 2000 FIS-SEMA

Ix-xoghol li l-Mulej baghat lil angli jaghmlu fid-dinja fil-bidu ta' Dicembru tas-sena 1999, qdewh bl-akbar reqqa u attenzjoni. Grew fuq li grew 'l hawn u 'l hinn u meta regghu dahlu fil-genna, inghalqu fl-ufficcju celesti taghhom jiktbu r-rapport biex jippresentawh lill-Mulej



Meta spiccaw taw kollox lill-Mulej biex juruh kif svolgew dak li Alla baghathom jaghmlu. Kienet waslet biex tibda n-novena tal-Milied……….

Il-kapijiet tas-seba' kori ta' l-angli kienu diga' migbura fis-sala tal-haqq tal-bnedmin fis-smewwiet. L-anglu tal-bieb tas-sala tal-haqq daqq il-qampiena u l-kapijiet kollha qamu bil-wieqfa. Hekk kif dahal Alla, il-Kbir Haliieq ta' kollox u ta' kulhadd, l-angli kapijiet nizlu wicchom ma' l-art sakemm Alla qaghad fuq it-tron tal-haqq tieghu; imbaghad l-anglu segretarju cempel il-qampiena ta' fuq il-mejda biex ikun sinjal halli l-angli kapijiet jqumu u jiehdu posthom, u l-anglu ta' barra s-sala jaghlaq il-bieb.

Ghat-tlett sighat li kienu gejjin, ebda hlieqa ma kienet ser tmut hawn fid-dinja u tidher quddiem Alla ghall-haqq. Ghalhekk Alla uza dan il-hin biex jaghmel laqgha ta' importanza liema bhala, laqgha li kellha tkun kunfidenzjali.

"Nixtieq," irbombja lehen Alla, " niddiskuti maghkom ir-rapporti li hejjejtuli fuq il-bnedmin qabel ma nurikom hsibijieti. Nibda bir-rapporti tieghek, Zehudiel. Hija tassew hasra li l-kapijiet aktar qed jaghtu kaz tal-computer bug tal-millenium milli fit-tifkira tal-jum tat-twelid ta' Ibni Gesu' . Indikajtli l-preokupazzjoni taghhom li dan il- computer bug jista' jkun ta' hsara lil istrumenti kompjuterizzati taghhom u tikkrolla s-sistema ekonomika, industrijali u monitarja tad-dinja. Imma kemm huma boloh li ma jifhmux li s-sistemi taghhom kollha huma fragli u ma jiswew xejn. Bizzejjed daqsxejn ta' pajjiz jipprova jgholli rasu aktar mill-iehor u jsforu disastru f'kull settur. Isiru qishom il- popli ta' zmien it-torri ta' babel. Tassew hasra li mohhom mitluf fuq dawn il-hwejjeg u fuq it-tifkira ta' Ibni li jiena bghatt elfejn sena ilu biex jifdihom, xejn."

Alla issa dar fuq l-anglu Gabirjiel u qallu: "Ir-rapport tieghek Anglu Gabirjiel ikompli jinkwetani ghaliex jghid li n-nies qeghdin jigru giri sfrenat biex jixtru r-rigali u l-ikel halli jkollhom x'jieklu u x'jixorbu bil-hela ghal dawn il-festi, li c-centru taghhom mhux Ibni izda zaqqhom. "

Imbaghad bil-hlewwa indirizza lil -anglu Mikiel. "Dak li

pprezentajtli inti Anglu Mikiel ghandu punti posittivi u negattivi. Fost l-ohrajn ghidtli li hafna familji ftit jimpurthom minn din il-grajja divina u qed jippruvaw li dawn il-festi jibdluhom f'festi ta' l-istagun halli jwarrbu kull riferenza religjuza bl-iskuza biex ma joffendux lil dawk li huma ta' fehmiet religjuzi differenti. Tassew ma nafx fejn jista' jasal aktar il-bniedem!!!! Pero' jferrahni wkoll il-fatt li inti nizzilt fir-rapport tieghek li jezistu hafna u hafna familji li meta dhalt go darhom sibtilhom ambjent religjuz. Min kellu x-xbiha tal-Bambin armat bil-gulbiena u d-dawl quddiemu, min kellu l-presepju biex ifakkru fil-grajja ta' elfejn sena ilu. Anke qrajt li jsiru kompetizzjonijiet ghal isbah presepju u sahansitra esebizzjonijiet biex ihajru lil dawk berdin jitheggu aktar ghal din il-festa. Mhux kollox ikrah hemm isfel fid-dinja tal-bnedmin. Kemm –il darba nkunu ser nixhet il-qilla tieghi fuqhom ghal ingratitudni taghhom lejja, izda dawn in-nies tajba flimkien mal-karba ta' Marija Ssma, il-Bint prediletta tieghi jwaqqfuni milli nkompli bil-pjan tieghi"

"Anglu Lealtjiel ir-rapport tieghek kien xokkanti. Ibni mar fid-dinja biex igib il-paci fost il-bnedmin u dawn aktar jiggieldu bejnithom minhabba l-poter, u l-flus. Tassew li ghadhom ma fehmu xejn mill-migja ta' Ibni. Imma gibtli ahbarijiet ohra sbieh meta semmejtli li dawk iz-zaghzagh li hallew lil art twelidhom biex imorru jevangelizzaw il-bxara t-tajba ta' Ibni fil-missjoni jkunu privi minn kollox. Nammira wisq is-sagrificcju taghhom.  U tassew qanqlitni dik il-grajja ta' dik l-omm li sfat armla b'zewgt itfal x'tiehu hsieb meta qatlulha lil zewgha fil-hanut tax-xorb, u li hafret lill-qattiel fil-qorti.

U Jiena li naghraf il-profond tal-qlub tal-bnedmin naf li qed titlob ghall-konverzjoni tal-qattiel taghha. Ara Leatjiel irridek terga' tmur fid-dinja u tqanqal qalb dak ir-ragel sinjur li joqghod ftit 'l boghod minnha biex joffrilha l-ghajnuna tieghu."

Issa Alla ghalaq ir-rapporti u dar lejn il-kapijiet ta' l-angli. "Biex dak li jonqos jaghmel il-bniedem ma jtirx mar-rih, Jiena nordna li ghal okazzjoni ta' l-elfejn sena mit-twelid ta' Ibni, hawn fis-sema issir festa u celebrazzjoni mill-aqwa. Hudu hsieb li kollox ikun ippjanat kif jixraq ghal din il-festa. Kollox f'idejkom, mela. Ghal 24 ta' Dicembru bil-lejl." Alla qam u mar fil-kamra tieghu tas-smewwiet jistenna joqrob il-hin tal-gudizzji.

Kollox kien lest u thejja b'ghaqal kbir ghall-festa ta' Kristu. Is-sala ghalkemm kbira kienet armata bil-girlandi tal-fjuri ifuhu li anqas l-akbar sinjur qatt holom li bihom izejjen lil daru. It-tron tad-deheb, li biex tasal ghalih kont trid titla' seba' targiet tpogga fin-nofs. Hdejh tqieghdu zewg troni ohra wiehed fil-lemin u l-iehor fix-xellug.

Minn taht kull tron kien niezel tapit li jghaddi minn fuq it-tarag u jibqa' sejjer sa quddiem il-bieb tas-sala.

It-twieqi kbar li minnhom wiehed seta' jilmah id-dinja mdawla bix-xemx matul il-jum u bil-kwiekeb u l-qamar matul il-lejl kienu mzejna b'purtieri tad-damask irrakmanti b'disinji mahduma b' hajt tad-deheb. F'xi jiem id-dinja kienet tinheba' minn tapit ta' shab abjad li ebda id ta' bniedem ma setghet

qatt tpingi.

Lejliet il-Milied ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl bdew dehlin il-qaddisin, kull wiehed isib postu skond kif kienu jindikawlu l-angli qaddejja. Imbaghad dahlu l-Appostli li sabu posthom fuq it-tarag; sitta qaghdu fuq il-lemin u sitta ohra fuq ix-xellug. L-ahhar li dahal kien Alla flimkien mas-Seba Spirti. Huwa qaghad fuq it-tron tan-nofs. Fuq rasu deher l-Ispirtu Qaddis tieghu taht forma ta' Hamiema. Malli deher diehel Alla waqa' silenzju kbir u mas-sinjal ta' l-anglu kull hlieqa bdiet tfahhar lil Alla b'kant celesti li ebda widna ta' bniedem qatt ma semghet u anqas ebda pinna ma kitbet. Jakkumpanjawh kien hemm qjatta kbar ta' Angli.

Meta spicca l-kant ta' tifhir, dahlet omm Gesu' inkurunata Regina tas-Sema u ta' l-Art, b'mant celesti mimli hagar prezzjuz fuq spallejha li t-tarf tieghu kienu jzommuh l-angli qaddejja taghha. Telghet it-tarag u gibdet lejn it-tron ta' Alla. Alla urieha it-tron tax-xellug. Malli poggiet bil-qieghda ghajta kbira dwiet mas-sala kollha: "Ave Gratia Plena." Harget barra mit-twieqi u griet lejn id-dinja fejn dak il-hin fil-knejjes kienet qed issir il-kommemorazzjoni tat-twelid ta' Kristu. Ma' din l-ghajta nghaqdu l-ilhna tal-bnedmin ilkoll ikantaw innijiet mill-isbah tal-Milied.

Issa dahal fis-sala l-Iben t'Alla, Gesu', Iben Marija. Bhal Ommu tela' it-tarag u gibed lejn Alla Missieru, li pprezentah lill-migemgha kbira ta' qaddisin: " Dan hu Ibni l-Mahbub Lilu isimghu." U l-Gemgha kollha kantat: Christus Vincit, Christus

Regnat, Christus Imperat.” Imbaghad ha postu fuq in-naha tal-lemin.

Alla qam u qal: “Mifdija bid-demm tal-Haruf, imberkin intom li grejtu, stinkajtu u batejtu minhabba fih. Ghax issa hlaskom hu kbir fis-smewwiet. Ghax intom ma stahjtux tisqarruh quddiem il-bnedmin Hu anqas ma staha jistqarrkom Quddiemi. Fahhruh, igglorifikawh u qimuh, lil dan Iben tieghi, biex tpattu ghal dawk li fid-dinja flok ftakru fih qed jixxallaw bla razan.”

U l-gemgha mill-gdid kantat: “Glorja lil Alla fil-gholi tas-smewwiet u paci fl-art lill-bnedmin ta’ rieda tajba.”

Alla imbaghad kompla:” Tafu ghaliex intom qeghdin hawn tgawduni ghal dejjem? Minhabba li din il-kreatura,” u hawn ipponta subajgh lejn Marija Ssma, “ ikkoperat mal-pjan divin tieghi. Batiet u sofriet minhabba f’Ibni. U Jiena ghalhekk tajtha gieh fuq kull gieh, hlistha mid-dnub originali, haga li ma ghamiltha ma’ hadd, htartha tezoriera tal-grazzji. Fahhruha intom ilkoll.”

U l-migemgha kantat:

Sliem ghalik O Bint il-Missier Etern

Sliem ghalik O Omm ta’ l-Iben t’Alla

Sliem ghalik gharusa singulari ta’ l-Ispirtu Santu.

Sliem ghalik.

It-tifhir kompla sejjer sa kmieni filghodu meta l-laqgha spiccat bl-ordni kif bdiet. Kulhadd mar fuq xoghlu; il-qaddisin ifahhru lil Alla, il-Madonna tintercedi ma’ Binha ghall-konverzjoni tal-midimbin u Alla jkompli jiggudika lil dawk li jidhru quddiemu.